Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2024/4775

29.7.2024

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tal-11 ta' Ġunju 2024**

**li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom**

**(BERS/2024/2)**

(C/2024/4775)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Anness IX tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ([3]), u b'mod partikolari t-Taqsima I tal-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([4]), u b'mod partikolari l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

(1) Sabiex jiġu żgurati l-effettività u l-applikazzjoni konsistenti ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali nazzjonali, huwa importanti li wieħed joqgħod fuq reċiproċità volontarja għal miżuri li mhumiex soġġetti għal rikonoxximent obbligatorju skont id-dritt tal-Unjoni. Fin-nuqqas ta' rikonoxximent, miżura makroprudenzjali meħuda fi Stat Membru wieħed tapplika biss għall-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati minn dak l-Istat Membru. Dan jista' joħloq possibbiltajiet għal istituzzjonijiet ta' kreditu biex jevitaw il-miżura permezz ta' self dirett transkonfinali jew self permezz ta' fergħat. Ir-rikonoxximent ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali nazzjonali jista' jipprevjeni tnixxijiet u arbitraġġ regolatorju, kif ukoll effetti ta' distorsjoni fuq il-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' rekwiżiti makroprudenzjali differenti fir-rigward tal-istess skopertur skont fejn tkun stabbilita istituzzjoni ta' kreditu.

(2) Il-qafas dwar ir-reċiproċità volontarja għal miżuri tal-politika makroprudenzjali stipulat fir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([5]) għandu l-għan li jiżgura li l-miżuri kollha tal-politika makroprudenzjali bbażati fuq skopertura attivati fi Stat Membru wieħed ikunu reċiprokati fl-Istati Membri l-oħrajn.

---

([1]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3
([2]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338
([4]) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.
([5]) Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 97, 12.3.2016, p. 9).

(3) Fit-12 ta’ Marzu 2024, Banca d’Italia, li taġixxi bħala l-awtorità maħtura għall-fini tal-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE, innotifikat lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) bl-intenzjoni tagħha li tistabbilixxi rata ta’ riżerva għar-riskju sistemiku settorjali f’konformità mal-Artikolu 133(9) ta’ dik id-Direttiva, li ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju Taljan għal xokkijiet mhux relatati maċ-ċiklu ta’ kreditu, u b’hekk il-kapaċità tagħha li tassorbi t-telf u li tappoġġa l-provvediment ta’ kreditu lill-ekonomija. Ir-rata ta’ riżerva tar-riskju sistemiku (SyRB) ser tapplika għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu awtorizzati fl-Italja. Rata ta’ SyRB ta’ 0.5 % ser tapplika mill-31 ta’ Diċembru 2024 għall-iskoperturi kollha tar-riskju tal-kreditu u tal-kreditu tal-kontroparti fl-Italja. Ir-rata ser tiżdied għal 1 % mit-30 ta’ Ġunju 2025. Ir-rata SyRB ser tiġi riveduta mill-inqas kull sentejn.

(4) Fit-12 ta’ Marzu 2024, Banca d’Italia, li taġixxi bħala l-awtorità maħtura għall-fini tal-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE, ressqet talba lill-BERS biex jirrakkomanda r-reċiproċità tal-miżura ta’ politika makroprudenzjali msemmija hawn fuq, fuq bażi individwali u fuq bażi konsolidata, skont l-Artikolu 134(5) tad-Direttiva 2013/36/UE.

(5) Ir-reċiproċità tar-rekwiżiti kapitali makroprudenzjali attivata mill-awtoritajiet ta’ Stati Membri oħra, fuq bażi individwali u konsolidata, irrispettivament minn jekk l-iskoperturi kkonċernati humiex miżmuma permezz ta’ sussidjarji jew fergħat, jew jirriżultawx minn self transkonfinali dirett, tillimita t-tnixxijiet u l-arbitraġġ regolatorju, tindirizza r-riskji sistemiċi u b’hekk tippromwovi l-effettività ġenerali tal-politika makroprudenzjali billi tiżgura li r-riskji miżjuda jiġu indirizzati mhux biss fl-Istat Membru li introduċa s-SyRB iżda wkoll fi Stati Membri oħra fejn il-gruppi bankarji huma esposti għal dawk ir-riskji miżjuda. Ir-rikonoxximent għandu għalhekk ikollu wkoll l-għan li jiżgura li l-gruppi bankarji esposti għal dawk ir-riskji sistemiċi jkunu reżiljenti biżżejjed. Għalhekk, ir-rekwiżiti kapitali makroprudenzjali li jirriżultaw minn deċiżjoni li jiġu rikonoxxuti miżuri makroprudenzjali ta’ Stati Membri oħra għandhom b’mod ġenerali jiġu applikati kemm fuq bażi individwali kif ukoll fuq bażi konsolidata.

(6) Biex tiġi rikonoxxuta r-rata tas-SyRB Taljana kif mitlub mill-Banca d’Italia, l-awtoritajiet kompetenti u/jew maħtura rilevanti ta’ Stat Membru ieħor jistgħu jistabbilixxu rata ta’ SyRB f’konformità mal-Artikoli 134 u 133 tad-Direttiva 2013/36/UE.

(7) Skont l-Artikolu 134(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rikonoxximent tar-rata ta’ SyRB Taljana notifikata minn Stati Membri oħra japplika għal skoperturi li jinsabu fl-Italja ta’ istituzzjonijiet awtorizzati fl-Istati Membri reċiprokanti.

(8) Skont l-Artikolu 133(4) tad-Direttiva 2013/36/UE, rata SyRB tista’ tiġi applikata fuq bażi individwali, subkonsolidata jew konsolidata. Għalhekk, ir-rikonoxximent ta’ rata ta’ SyRB stabbilita minn Stat Membru ieħor jinvolvi l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta’ SyRB għall-iskoperturi kollha fuq bażi konsolidata (inklużi skoperturi miżmuma permezz ta’ sussidjarji li jinsabu fi Stat Membru ieħor).

(9) Devjazzjoni mill-approċċ ġenerali tal-applikazzjoni tal-miżura tal-politika makroprudenzjali Taljana rikonoxxuta kemm fuq bażi individwali kif ukoll fuq bażi konsolidata tista’ tiġi ġġustifikata f’ċerti każijiet, pereżempju fejn l-awtoritajiet reċiprokanti jqisu li dawk ir-riskji sistemiċi huma diġà mitigati b’mod adegwat u xieraq mir-rekwiżiti makroprudenzjali jew mikroprudenzjali eżistenti applikati fl-Istat Membru fejn il-grupp bankarju huwa konsolidat.

(10) Ir-Rakkomandazzjoni ESRB/2015/2 tal-BERS, kif emendata bir-Rakkomandazzjoni ESRB/2017/4 ([6]), tirrakkomanda li l-awtorità rilevanti li tattiva miżura ta’ politika makroprudenzjali għandha, meta tippreżenta talba għal reċiprokazzjoni lill-BERS, tipproponi limitu ta’ materjalità li taħtu l-iskopertura ta’ fornitur individwali ta’ servizzi finanzjarji għar-riskju makroprudenzjali identifikat fil-ġurisdizzjoni fejn il-miżura tal-politika makroprudenzjali tiġi applikata mill-awtorità ta’ attivazzjoni tista’ titqies bħala mhux materjali. Il-BERS jista’ jirrakkomanda livell limitu differenti jekk jitqies neċessarju.

([6]) Rakkomandazzjoni BERS/2017/4 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta’ Ottubru 2017 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta’ miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 431, 15.12.2017, p. 1).

(11) Wara t-talba Taljan għar-reċiprokazzjoni tal-miżura minn Stati Membri oħra, u sabiex tiġi evitata l-materjalizzazzjoni ta' effetti transkonfinali negattivi fil-forma ta' tnixxijiet u arbitraġġ regolatorju li jistgħu jirriżultaw millimplimentazzjoni tal-miżura tal-politika makroprudenzjali li se ssir applikabbli fl-Italja, il-Bord Ġenerali tal-BERS iddeċieda li jinkludi wkoll din il-miżura fil-lista ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali li huma rakkomandati li jiġu rreċiprokati skont ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2. Il-Bord Ġenerali tal-BERS iddeċieda wkoll li jirrakkomanda livell limitu ta' materjalità speċifiku għall-istituzzjoni ta' EUR 25 biljun. L-awtoritajiet rilevanti li jirreċiprokaw il-miżura jistgħu jeżentaw lill-istituzzjonijiet mir-rekwiżit ta' riżerva għal riskju sistemiku sakemm l-iskoperturi rilevanti tagħhom ma jaqbżux l-EUR 25 biljun. Peress li l-miżura li għandha tinħareġ b'rikonoxximent tar-rata ta' SyRB Taljana notifikata għandha tapplika wkoll fuq bażi konsolidata, is-somma tal-iskoperturi miżmuma permezz ta' fergħat, self transkonfinali dirett u permezz ta' sussidjarji għandha tiġi vvalutata skont il-livell limitu ta' materjalità.

(12) Għalhekk, ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

**Emendi**

Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 hija emendata kif ġej:

1. fit-Taqsima 1, is-subrakkomandazzjoni C(1) hija emendata biż-żieda tal-miżura li ġejja:

   "L-Italja:

   — rata ta' riżerva tar-riskju sistemiku ta' 0.5 % għall-iskoperturi kollha tar-riskju ta' kreditu u tar-riskju ta' kreditu tal-kontrparti li jinsabu fl-Italja, applikabbli mill-31 ta' Diċembru 2024 sad-29 ta' Ġunju 2025; li tiżdied għal rata ta' riżerva tar-riskju sistemiku ta' 1 % għall-iskoperturi kollha tar-riskju ta' kreditu u tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti li jinsabu fl-Italja, applikabbli mit-30 ta' Ġunju 2025."

2. l-Anness huwa emendat skont l-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-11 ta' Ġunju 2024.

*Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS,*
*f'isem il-Bord Ġenerali tal-BERS*
Francesco MAZZAFERRO

*ANNESS*

L-Anness għar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 huwa emendat biż-żieda tal-miżura li ġejja:

"**L-Italja:**

**Rata ta' riżerva tar-riskju sistemiku ta' 0.5 % għall-iskoperturi kollha tar-riskju ta' kreditu u tar-riskju ta' kreditu tal-kontrparti li jinsabu fl-Italja, applikabbli mill-31 ta' Diċembru 2024 sad-29 ta' Ġunju 2025; li tiżdied għal rata ta' riżerva tar-riskju sistemiku ta' 1 % għall-iskoperturi kollha tar-riskju ta' kreditu u tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti li jinsabu fl-Italja, applikabbli mit-30 ta' Ġunju 2025.**

I. Deskrizzjoni tal-miżura

1. Il-miżura Taljana, applikata skont l-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE, tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' riżerva għal riskju sistemiku għal skoperturi għar-riskju ta' kreditu u skoperturi għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti li jinsabu fl-Italja tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fl-Italja, fuq bażi individwali u konsolidata.

2. Rata ta' riżerva għar-riskju sistemiku ta' 0.5 % se tapplika mill-31 ta' Diċembru 2024, li tiżdied għal 1 % mit-30 ta' Ġunju 2025.

II. Reċiprokazzjoni

3. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti reċiprokanti jirreċiprokaw il-miżura Taljana billi japplikawha għall-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu tal-banek u għall-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti li jinsabu fl-Italja. Il-miżura tista' tiġi rreċiprokata bl-użu tal-kamp ta' applikazzjoni li ġej fir-rapportar tal-COREP: Diżaggregazzjoni ġeografika tal-iskoperturi skont ir-residenza tal-obbligant, is-somma tal-iskoperturi għar-residenti Taljani fir-ringiela 170, il-kolonna 90 tat-Tabella C 09.01 tal-COREP u r-ringiela 150, il-kolonna 125 tat-Tabella C 09.02 tal-COREP.

4. Wara t-talba tal-Banca d'Italia, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jirreċiprokaw il-miżura Taljana billi japplikawha fuq bażi individwali u fuq bażi konsolidata.

5. Jekk l-istess miżura tal-politika makroprudenzjali ma tkunx disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom, huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw, wara konsultazzjoni mal-BERS, miżura tal-politika makroprudenzjali disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom li jkollha l-aktar effett ekwivalenti għall-miżura msemmija hawn fuq rakkomandata għar-reċiprokazzjoni. Dan jista' jinkludi l-adozzjoni ta' miżuri u setgħat superviżorji stabbiliti fit-Titolu VII, il-Kapitolu 2, it-Taqsima IV tad-Direttiva 2013/36/UE.

6. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jiżguraw li:

(a) miżura reċiprokanti b'rata ta' 0.5 % tapplika u jkun hemm konformità magħha mill-31 ta' Diċembru 2024 sad-29 ta' Ġunju 2025:

(b) miżura reċiprokanti b'rata ta' 1 % tapplika u jkun hemm konformità magħha mit-30 ta' Ġunju 2025.

III. Livell limitu ta' materjalità

7. Il-miżura hija kkomplementata minn limitu ta' materjalità speċifiku għall-istituzzjoni bbażat fuq skoperturi li jinsabu fl-Italja. L-awtoritajiet rilevanti li jirreċiprokaw il-miżura jistgħu jeżentaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu mir-rekwiżit ta' riżerva għal riskju sistemiku sakemm l-iskoperturi rilevanti tagħhom ma jaqbżux livell limitu ta' materjalità ta' EUR 25 biljun, li jikkorrispondi għal madwar 1 % tal- iskoperturi kollha għar-riskju ta' kreditu u għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti li jinsabu fl-Italja. Sabiex jiġu identifikati l-iskoperturi rilevanti li għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-iskoperturi vvalutati skont il-livell limitu ta' materjalità, l-awtoritajiet rilevanti għandhom iqisu, bħala minimu, l-iskoperturi fil-kamp ta' applikazzjoni li ġej tar-rapportar COREP: Diżaggregazzjoni ġeografika tal-iskoperturi skont ir-residenza tal-obbligant, is-somma tal-iskoperturi għar-residenti Taljani fir-ringiela 170, il-kolonna 10 tat-Tabella C09.01 tal-COREP u r-ringiela 150 il-kolonna 10 tat-Tabella C09.02 tal-COREP.

8. L-iskoperturi kollha miżmuma permezz ta’ fergħat u self transkonfinali dirett u permezz ta’ sussidjarji għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-iskoperturi vvalutati skont il-livell limitu ta’ materjalità.

9. F’konformità mat-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, il-livell limitu ta’ materjalità ta’ EUR 25 biljun huwa l-livell limitu massimu rrakkomandat. L-awtoritajiet rilevanti jistgħu għalhekk, minflok japplikaw il-livell limitu rrakkomandat, jistabbilixxu livell limitu aktar baxx għall-ġurisdizzjonijiet tagħhom fejn xieraq, jew jirreċiprokaw il-miżura mingħajr ebda livell limitu ta’ materjalità. Meta jistabbilixxu livell limitu ta’ materjalità, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw l-iskopertura ta’ kull fornitur ta’ servizzi finanzjarji individwali għar-riskju makroprudenzjali identifikat fl-Italja u jivvalutaw jekk dan jistax jitqies bħala mhux materjali.

10. Fejn ma jkunx hemm istituzzjonijiet ta’ kreditu awtorizzati fl-Istati Membri li jkollhom skoperturi materjali fl-Italja, l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu, skont it-Taqsima 2.2.1 tar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, jiddeċiedu li ma jirreċiprokawx il-miżura Taljana. F’dan il-każ, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jimmonitorjaw il-materjalità tal-iskoperturi u huwa rrakkommandat lilhom li jirreċiprokaw il-miżura Taljana meta istituzzjoni ta’ kreditu teċċedi l-livelli limitu ta’ materjalità rrakkomandat.”